MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 1651/2010

**Lighthouse Communications Limited – C-21425**

**vs**

**Elektra Limited – C-3583**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' sitt mija u sebgha u tmenin Ewro u disa' centezmi (€687.09c) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx;

Illi minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi din baqghet inadempjenti (ara kopja tal-ittra bonarja datata 29 ta' Marzu, 2010, annessa u mmarkata bhala Dok B);

Illi qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekoribbli mid-data tal-fatura relattiva (indikata fuq il-prospett anness u mmarkat

Dok A) sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rati permessi mil-ligi;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hija ingunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-ittra bonarja fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament it-talba tas-socjeta' rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba tas-socjeta' rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan ghaliex kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza m'huwiex minnu li gew rezi servizzi lis-socjeta' intimata fuq ordnijiet taghha stess, kif qed tallega s-socjeta' rikorrenti. Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti.

Ra r-rikors tas-socjeta' konvenuta, datat 15 ta' Gunju, 2011, in-nota tas-socjeta' attrici tal-istess data, u d-digriet ta' dan it-Tribunal, moghti fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu giet milqugha t-talba tas-socjeta' konvenuta, li tizdied eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta datata 2 ta' Ottubru, 2012.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Illi din is-sentenza tittratta biss dwar l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni.

Ikkunsidra,

Illi t-talba tas-socjeta’ attrici hija bbazata fuq fattura datata 26 ta’ Ottubru, 2007. Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi s-socjeta’ konvenuta kellha laqgha mas-socjeta’ attrici sabiex tigi diskussa l-possibilita’ ta’ reklamar fuq il-mezzi tax-xandir. Illi s-socjeta’ attrici ghamlet diversi proposti u suggerimenti, izda dawn ma gewx accettati mis-socjeta’ konvenuta. Illi minkejja f’dan, is-socjeta’ attrici harget fattura relattiva ghas-servizzi rezi minnha, li gew deskritti fl-istess fattura bhala “...*brainstorming sessions for origination of Concept & Scripting for a graphically animated 30 sec TVC Visual of Storyboard Origination including Art direction, 3D animation framework for TVC.”*

Illi apparti dan l-inkontru bejn il-partijiet, rrizulta wkoll mid-deposizzjoni li nghatat minn diversi xhieda, kif ukoll mid-dokumenti pprezentati minnhom, illi r-relazzjoni kummercjali ta’ bejn il-partijiet kontendenti kienet tezisti qabel ma nharget din il-fattura, u kompliet anke wara. Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici kienet tirrendi servizzi lis-socjeta’ konvenuta fuq medda ta’ zmien, ghalkemm is-servizz kien differenti in kwantu, ghalkemm xoghol ta’ reklamar, permezz ta’ *media* differenti.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta tikkontendi illi dan l-ammont mhux dovut ghaliex il-fattura in kwistjoni kienet giet ikkontesta mill-istess socjeta’ konvenuta hekk kif rcivietha. Illi oltre dan tiddikjara illi s-socjeta’ attrici qatt ma reghhet avanzat il-pretensjoni taghha ghall-hlas tal-ammont ta’ din il-fattura hlief permezz ta’ din l-azzjoni; anzi tghid illi saret taf dwar din l-azzjoni meta kkomunika maghha rapprezentant tal-Bank li nformaha li kien sar mandat ta’ sekwestru.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici xehed illi l-ilment tas-socjeta’ konvenuta dwar din il-fattura, u cioe’ li l-ammont reklamat mhux dovut, sar bosta zmien wara li nharget din il-fattura. Illi skond ir-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici, tant mhux minnu li s-socjeta’ konvenuta kienet qed tikkontesta din il-fattura, illi l-Assistant Financial Controller tas-socjeta’ konvenuta kienet – permezz ta’ e-mail – talbet

lill-istess socjeta' attrici terga' tibghatilha din il-fattura, u ddikjarat illi kellha c-cheque lest fl-ammont indikat fil-fattura, u kienet qed tistenna l-awtorizazzjoni sabiex tibghatu.
Ikkunsidra,

Illi jkun opportun illi fl-ewwel lok jigi ttrattat il-punt sollevat mis-socjeta' attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha datata 30 ta' Lulju, 2012, u cioe' illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet awtorizzata sabiex tressaq eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni, u aktar specifikament sabiex jigi indikat provvediment iehor tal-ligi dwar preskrizzjoni, din naqset li taghmel dan, u ghalhekk tali eccezzjoni ulterjuri m'ghandhix tittiehed in konsiderazzjoni, it-Tribunal jirrileva s-segwenti: Illi tali nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt giet ipprezentata, u aktar specifikament fit-2 ta' Ottubru, 2012 (a fol. 113). Illi ghalhekk l-abbli difensur tas-socjeta' attrici kellu ragun jaghmel tali dikjarazzjoni fin-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici, ghaliex sa dak l-istadju, tali nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kienet ghadha ma gietx ipprezentata. Illi fil-fatt, huwa ferm probabbli illi s-socjeta' attrici m'hix edotta mill-fatt illi din in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri giet ipprezentata, ghaliex din in-nota ma gietx notifikata lill-kontroparti, kif tirrikjedi l-Ligi. Illi t-Tribunal jiddeplora tali nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta.

Illi madanakollu, u minkejja f'dan in-nuqqas, it-Tribunal mhux ser jghaddi sabiex jiskarta din l-eccezzjoni ulterjuri a bazi tas-segwenti fatti: Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta kienet ghamlet biss referenza **fir-rikors** taghha tal-15 ta' Gunju, 2011 ghall-Artikolu tal-Ligi dwar preskrizzjoni li a bazi tieghu kienet qed titlob li tigi awtorizzata li tipprezenta eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni, madanakollu, tali artikolu tal-Ligi gie specifikament indikat, u aktar minn hekk, iz-zewg partijiet – u ghalhekk is-socjeta' attrici wkoll – inghataw il-possibilita' illi jressqu l-provi taghhom in sostenn ta' din l-eccezzjoni ulterjuri, kif fil-fatt ghamlu, u anke pprezentaw noti ta' sottomissjonijiet ulterjuri in sostenn ta' din l-eccezzjoni ulterjuri. Illi ghalhekk, u minkejja l-fatt illi s-socjeta' konvenuta ma aderitx ruhha skrupolozament mal-

procedura f'dak li jirrigwarda l-mod kif tigi proposta eccezzjoni ulterjuri, madanakollu, s-socjeta' attrici ma tistax tilmenta illi giet b'xi mod pregudikata meta dan it-Tribunal awtorizza lis-socjeta' konvenuta sabiex tressaq eccezzjoni ulterjuri. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jiskarta din l-eccezzjoni.

Illi dwar l-applikabbilita' tal-Artikoli tal-Ligi indikati mis-socjeta' konvenuta, u cioe' l-Artikoli 2148 (a) u 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-kaz in ezami, jehtieg li jigi stabbilit in-natura tax-xoghol u servizzi li tippresta s-socjeta' attrici sabiex jigi determinat jekk l-artikoli tal-Ligi, jew xi wiehed minnhom, hux applikabbli. Illi s-servizzi li tipprovdi s-socjeta' attrici lill-klijenti taghha gew deskritti mir-rapprezentant taghha kif gej: "*...assistenza sabiex iniedu kampanja jekk hux ta' reklamar jew kompetizzjoni, skond il-kaz...*" filwaqt illi s-servizzi li pprestat is-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta li in bazi taghhom inharget il-fattura mertu ta' din il-kawza kien "*... xogholijiet ta' studju, ricerka u conceptualization of ideas...*" bil-ghan illi jigi mhejji reklam intiz sabiex jidher fuq il-mezzi tax-xandir, aktar specifikament fuq it-televizjoni.

Illi f'dan ir-rigward ikun opportun illi ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited (258/2002 PS)** deciza fit-28 ta' April, 2004 fejn gie dikjarat, b'referenza ghall-provvedimenti tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi; "*Bl-introduzzjoni tal-kliem generici "persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra" huwa logiku illi fost dawn jirrientraw dawk il-professjonijiet intelletwali li .... jikkomprendu, b'ezemplari, l-gurnalist, graphic designer, fotografu, film producer, advertiser, interior decorator u bosta ohrajn."* Illi fid-dawl ta' tali insenjament, m'ghandux ikun hemm dubbju illi l-provvediment tal-Ligi dwar preskrizzjoni applikabbli ghax-xoghol, ossia servizz, li tirrendi s-socjeta' attrici huwa l-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u mhux l-Artikolu 2148 (a) tal-istess Kap, u dan tenut kont tal-fatt illi s-servizzi li tippresta s-socjeta' attrici huma servizzi ta' reklamar u graphic designing, fost ohrajn. Illi ghalhekk it-terminu

preskrittiv applikabbli huwa ta’ sentejn, u mhux tmintax (18)-il xahar.

Illi minkejja f’tali identifikazzjoni, jehtieg illi t-Tribunal jiddecidi dwar l-applikabbilita’, o meno, ta’ dan il-provvediment tal-Ligi fid-dawl tac-cirkostanzi u fatti li jiccirkondaw il-kaz li ghandu quddiemu. Illi t-Tribunal ma jistax jiskarta n-natura tar-relazzjoni kummercjali li kienet tezisti bejn il-partijiet kontendenti. Illi ghalkemm jidher illi ghal kull bicca xoghol imwettqa mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta, dik tal-ewwel kienet tohrog fattura separata, madanakollu, irrizulta wkoll illi s-socjeta’ konvenuta kienet ilha tinkariga s-servizzi tas-socjeta’ konvenuta ghal xoghol ta’ reklamar minn Mejju tal-2007 u baqghet ghaddejja sal-2009. Illi ghalkemm kienu jinhargu fatturi separati ghal kull bicca xoghol, is-socjeta’ konvenuta kellha kont mas-socjeta’ attrici, u mir-rendikont li jinsab a fol. 65 tal-atti, kif ukoll mill-kopja tal-e-mails li xehdet dwarhom l-Assistant Financial Controller tas-socjeta’ konvenuta (a fol. 21 *et seq*. tal-atti), jidher illi kienet twettaq il-hlas ta’ diversi fatturi permezz ta’ pagament wiehed.

Illi tali arrangament u prassi li giet adoperata miz-zewg partijiet fir-relazzjoni kummercjali ta’ bejniethom, anke jekk tali qbil sar b’mod tacitu bejniethom hija, fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, rilevanti ghal dak li jirrigwarda t-terminu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami. Illi f’dan ir-rigward, it-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni li tressqet mis-socjeta’ attrici, u cioe’ li b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2151 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tenut kont illi kien hemm “...*kontinwazzjoni ta’ fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogholijiet, servizzi, jew qadi iehor”* u s-socjeta’ attrici kienet taghti kreditu lis-socjeta’ konvenuta[1], allura t-terminu preskrittiv applikabbli ghas-servizzi rezi mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta, huwa ta’ hames (5) snin, u mhux sentejn. Illi tenut kont illi l-fattura in kwistjoni hija datata 26 ta’

[1] Tant illi fl-e mail datat 6 ta’ April 2009 (a fol. 21) mibghut mill-Assistant Financial Controller tas-socjeta’ konvenuta lill-korrispettiv taghha fi hdan is-socjeta’ attrici, dik tal-ewwel iddikjarat illi “Invoice number: 15838 is not due yet.”

Ottubru, 2007, u l-azzjoni giet proposta fil-11 ta' Novembru, 2010, allura t-talba attrici m'hix preskritta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mis-socjeta' konvenuta, jordna l-proseguiment tas-smiegh ta' din il-kawza fil-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar il-kap tal-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------